# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 28 ta' Gunju, 2002**

**Appell Nru 106/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Benjamin Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Benjamin Muscat talli (**1**) fis-27 ta' Novembru, 2000 ghall-habta tal-00.15am, bhala persuna li f'isimha ghandha licenzja tal-Pulizija sabiex tiggestixxi l-"Palazzo Pescatore" fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, daqq u/jew xort' ohra ppermetta id-daqq ta' muzika fl-imsemmi post wara l-11 pm minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; u aktar (**2**) talli bil-lejl kiser il-mistreih ta' l-abitanti bi storbju jew xort' ohra; l-ewwel qorti kienet mitluba illi f'kaz ta' htija, minbarra li taghti l-piena applikabbli ghar-reati, torbot lill-hati, jekk ikun hemm il-lok, li jnehhi l-inkonvenjent li bih saru l-kontravvenzjonijiet jew, skond ic-cirkostanzi, li jezegwixxi l-ligi fi zmien sufficjenti moghti lilu, kif jigi stabbilit mill-qorti u fin-nuqqas jehel piena ta' mhux izjed minn zewg liri ghall-kull gurnata li l-kontravvenzjonijiet ikomplu wara li jaghlaq iz-zmien moghti; il-qorti giet ukoll mitluba li, minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-thassir, jew l-iskwalifika milli jzomm jew jikseb xi licenzja, permess jew awtorita` ohra mahruga mill-Gvern, wara li l-imputat jigi ddikjarat hati ta' dawn ir-reati kriminali li saru fl-ezercizzju jew dwar l-ezercizzju ta' xi professjoni, arti, negozju, vokazzjoni jew xoghol iehor li ghalihom ikun hareg jew jista' jinhareg licenzja, permess jew awtorita` mill-Gvern, jew bl-uzu jew permezz ta' xi ghodda, vetturi jew oggetti jew kull haga ohra li tkun li biex tinzamm jew tintuza tkun inharget licenzja, permess jew awtorita` f'ismu, tordna li l-hati jkun skwalifikat milli jkollu jew jikseb, ghal dak iz-zmien illi l-qorti jidhrilha xieraq, dik il-licenzja, permess jew awtorita`;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' April, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Benjamin Muscat hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) fuq l-ewwel imputazzjoni, u ammneda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) ohra fuq it-tieni imputazzjoni, u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni xi

licenzja dwar daqq ta' muzika ghal zmien sena mid-data data ta' dik is-sentenza;

Rat it-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, debitament akkordata fit-23 ta' April, 2002; rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Benjamin Muscat, minnu ppresentat fis-6 ta' Mejju, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-appellant, bazikament jikkontendi li fil-gurnata in kwistjoni – cioe` fis-27 ta' Novembru, 2000 – hu la daqq muzika wara l-11.00 pm u anqas b'xi mod iddisturba l-mistrieh tal-abitanti bil-lejl.

Din il-Qorti, kif inghad, semghet il-provi fl-udjenza tal-lum, inkluz lill-appellant minn jeddu. Hu risaput li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi u l-konkluzzjoni milhuqa fuq dawk il-provi mill-ewwel qorti kemm-il darba tkun sodisfatta li dik il-qorti setghet, legalment u ragjonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. A bazi tal-provi mismugha llum din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti dwar il-htija sia fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni u sia fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghall-aggravju dwar l-indikazzjoni zbaljata tal-artikolu tal-ligi fir-rigward tal-iskwalifika mill-licenzja dwar daqq ta' muzika, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, taghmel referenza ghas-sentenza moghtija llum stess fl-appell nru. 92/2002 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Benjamin Muscat***. Kif inghad f'dik is-sentenza, ir-referenza zbaljata ghall-artikolu li jikkontempla l-iskwalifika mill-licenzja ma jgibx bhala konsegwenza n-nullita` tas-sentenza, u anqas ma jgib bhala konsegwenza it-thassir ta' l-ordni ta' l-iskwalifika, galadarba l-ewwel qorti kellha legalment is-setgha, taht disposizzjoni ohra, li tordna tali skwalifika.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Deputat Registratur